

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-kumitat tal-għażla, ikkomunikata permezz ta' ittra elettronika mill-kap tal-unità tar-riżorsi umani tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, tal-4 ta' Ġunju 2015, li ma jitniżżilx l-isem ta' Yosu Galocha fuq il-listi ta' riżerva tal-proċedura tal-għażla F4E/CA/ST/FGIV/2015/001 hija annullata.*
- 2) *Il-listi ta' riżerva tal-proċedura tal-għażla F4E/CA/ST/FGIV/2015/001 huma annullati.*
- 3) *Id-deċiżjonijiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni li jiġu rreklutati l-kandidati b'suċċess li jidhru fuq il-listi ta' riżerva tal-proċedura tal-għażla F4E/CA/ST/FGIV/2015/001 huma annullati.*
- 4) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 5) *L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk esposti fil-kuntest tal-proċedura għal miżuri provviżorji.*

⁽¹⁾ ĠU C 328, 5.10.2015 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-numru F-117/15 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Jannar 2018 – Przedsiębiorstwo Energetyki Cieplnej vs ECHA

(Kawża T-625/16) ⁽¹⁾

(“REACH — Tariffi dovuti għar-reġistrazzjoni ta' sustanza — Tnaqqis mogħti lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju — Żball fid-dikjarazzjoni dwar id-daqs tal-impriża — Deċiżjoni li timponi ħlas amministrattiv — Twaqqif ta' produzzjoni tas-sustanza — Kriterji tal-kalkolu tal-ammont tal-ħlas amministrattiv — Rakkomandazzjoni 2003/361/KE — Ċertezza legali — Aspettattivi leġittimi — Proporzjonalità — Ugwaljanza fit-trattament”)

(2018/C 094/27)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Przedsiębiorstwo Energetyki Cieplnej sp. z o.o. (Grajewo, il-Polonja) (rappreżentant: T. Dobrzyński, avukat)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: inizjalment minn E. Muraige, J.-P. Trnka u M. Heikkilä, sussegwentement minn J.-P. Trnka u M. Heikkilä, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett tad-deċiżjoni SME(2016) 2851 tal-ECHA, tat-23 ta' Ġunju 2016, li tikkonstata li r-rikorrenti ma jissoddisfawx il-kundizzjonijiet sabiex jibbenefikaw mit-tnaqqis ta' tariffa prevista għall-impriżi medji u li jimponulha dritt amministrattiv, u t-tieni nett, tal-fatturi Nru 10058238 u Nru 10058239 maħruġa mill-ECHA u annessi mad-deċiżjoni SME(2016) 2851 u, it-tielet nett, tad-deċiżjoni MB/43/2014 tal-bord amministrattiv tal-ECHA, tal-4 ta' Ġunju 2015, li temenda d-deċiżjoni MB/D/29/2010, kif emendata bid-deċiżjoni MB/21/2012, dwar il-klassifika ta' servizzi li għalihom għandhom isiru ħlasijiet.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

- 2) *Przedsiębiorstwo Energetyki Ciepłej sp. z o.o.* hija kkundannata għall-ispejjeż, inkluż dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

⁽¹⁾ ĠU C 402, 31.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali 25 ta' Jannar 2018 – Grupo Ganaderos de Fuerteventura vs EUIPO (EL TOFIO El sabor de CANARIAS)

(Kawża T-765/16) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni figurattiva EL TOFIO El sabor de CANARIAS — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001"]

(2018/C 094/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Grupo Ganaderos de Fuerteventura, SL (Puerto del Rosario, Spanja) (rappreżentant: E. Manresa Medina, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo u J. García Murillo, aġenti)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Lulju 2016 (Każ R 1404/2015-5), dwar applikazzjoni għal reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi EL TOFIO El sabor de CANARIAS bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-28 ta' Lulju 2016 (Każ R 1404/2015-5) hija annullata.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa mihud.*
- 3) *L-EUIPO għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Grupo Ganaderos de Fuerteventura, SL.*

⁽¹⁾ ĠU C 6, 9.1.2017

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Jannar 2018 – Jean Patou Worldwide vs EUIPO – Emboga (HISPANITAS JOY IS A CHOICE)

(Kawża T-808/16) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva HISPANITAS JOY IS A CHOICE — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti JOY — Użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]"]

(2018/C 094/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Jean Patou Worldwide Ltd (Watford, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Baran, barrister)